

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B**

IR-REGOLAMENT (KEE) Nru 2351/72 TAL-KUMMISSJONI

tat-8 ta' Novembru, 1972

li jissupplimenta r-Regolament (KEE) Nru 100/72 u 1574/72 fir-rigward il-proċess ta' żnatura għal zokkor

(ĠU L 253, 9.11.1972, p. 11)

Emendat minn:

Ġurnal Uffiċjali			
	Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u>	Regulation (EEC) No 1834/73 of the Commission of 6 July 1973 (*)	L 185	18
			7.7.1973

(*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti

▼B**IR-REGOLAMENT (KEE) Nru 2351/72 TAL-KUMMISSJONI****tat-8 ta' Novembru, 1972****li jissupplimenta r-Regolament (KEE) Nru 100/72 u 1574/72 fir-rigward il-proċess ta' żnatura għal zokkor**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea;

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1009/67/KEE ⁽¹⁾ tat-18 ta' Diċembru, 1967 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq f'zokkor, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 607/72, ⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 9(8);

Billi l-esperjenza wriet li d-deskrizzjoni tal-proċess ta' żnaturazzjoni għal zokkor li tinsab fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 100/72 ⁽³⁾ ta' l-14 ta' Jannar, 1972 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar iż-żnatura ta' zokkor għal għalf ta' l-annimali u fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1574/72 ⁽⁴⁾ ta' l-24 ta' Lulju, 1972 li jiffissa l-ħlas ta' żnatura għal zokkor maħsub għal għalf ta' l-annimali mhuwiex biżżejjed preċiż biex ikun assigurat li z-zokkor żnaturat b'dan il-mod jista' jintuża biss għal għalf ta' l-annimali u għall-iskop maħsub; billi dawn ir-Regolamenti għandhom għalhekk ikunu supplimentati skond il-ħtieġa mingħajr, iżda, ma jinbidel il-proċess msemmi;

Billi l-miżuri li għalihom hemm provdut f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-Opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaz-zokkor;

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Li ġej jitqiegħed flok it-test taħt II (3) (c) ta' l-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 100/72:

“(c) jew (è) 0.250 kg ta' *ferric oxide*; f'dan il-każ it-taħlita għandha turi kulur definit li jvarja minn aħmar skur għal kannella.”

Artikolu 2

Li ġej jitqiegħed flok it-test taħt (è) ta' l-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 1574/72:

“(c) jew (è) 0.250 kg ta' *ferric oxide*; f'dan il-każ it-taħlita għandha turi kulur definit li jvarja minn aħmar skur għal kannella.”

▼M1**▼B***Artikolu 4*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

⁽¹⁾ ĠU C 308, 18.12.1967, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 75, 28.3.1972, p. 4.

⁽³⁾ ĠU L 12, 15.1.1972, p. 15.

⁽⁴⁾ ĠU L 167, 25.7.1972, p. 18.

▼B

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.